MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 3/2005

Kawza fil-lista: 25

**A B**
**vs**
**C B D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li l-partijiet izzewwgu fl-4 ta' Lulju 1964, u f' dan iz-zwieg twieldu tlett t'itfal li llum huma kollha maggjorenni; li l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba swat, sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront ta' martu, u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tressaq l-istanza odjerna; ghaldaqstant il-konvenut ghandu jghid ghaliex din il-Qorti:

1. M’ ghandhiex tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B D minhabba swat, sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

2. M’ ghandux l-imsemmi konvenut jigi kkundannat li jhallas lill-attrici dik ir-retta alimentari lilha dovuta skont il-ligi ghaliha bil-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda skont l-gholi tal-hajja, li ghandhom jigu ordnati minn din il-Qorti u jigi ordnat li l-manteniment hekk stabbilit jithallas lill-attrici direttament mid-Direttur tas-Sigurta’ Socjali minn fejn johrog ic-cheque tal-pensjoni lill-attur, skont il-kaz;

3. M’ ghandhomx jigu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili (1984 ed) in toto jew in parte;

4. M’ ghandhiex tigi dikjarata xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’ zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, occorrendo b’ opera ta’ perit nominat sabiex jillikwida l-istess komunjoni u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

5. Tikkundanna lill-konvenut li jikkonsenja lill-attrici il-beni parafernali u dotali taghha.

6. M’ ghandhiex l-attrici tigi awtorizzata tabita fid-dar matrimonjali li tinsab 67, Cathedral Street, Sliema;

Bl-ispejjez u spejjez legali ghall-ittra legali u ghall-hlas ta’ perit biex jaghmel stima tal-assi ghall-iskop ta’ likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa: li dak allegat fil-konfront tieghu huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt; li ma jaqbilx li z-zwieg tfarrak irrimedjabbilment; li m’

ghandux ihallas manteniment lill-attrici, stante li kienet hi li abbandunat id-dar konjugali minghajr raguni valida, u inoltre hi ghandha mezzi biex tghix, filwaqt li hu pensjonant u marid; li m'hemmx ragunijiet validi sabiex jigi applikat kontra tieghu d-dispost tal-artikolu 48 tal-Kap.16; li jaqbel li tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti, kemm-il darba tigi pronunzjata s-separazzjoni personali;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Noel Bartolo;[1]

Rat ir-rapport tal-perit l-AIC Mario Cassar;[2]

Rat ir-rapport tal-perit stimatur Vincent Ciliberti;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati, u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut, stante li l-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli minhabba ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Min-naha tieghu l-konvenut jsostni li ma hemmx bazi valida ghas-separazzjoni, u ghad hemm possibilita' ta' ftehim. Huwa pero' jichad dak allegat fil-konfront tieghu.

**Separazzjoni Personali**
Illi l-partijiet izzewgu fl-4 ta' Lulju 1964 meta allura l-attrici kellha 20 sena u l-konvenut kellu 31 sena, u minn dan iz-zwieg twieldu tlett t'itfal li llum huma kollha maggjorenni.

---
[1] Vol.3 – fol.615
[2] Vol.1 – fol.160

Illi matul il-konvivenza matrimonjali ta’ erbghin [40] sena, il-partijiet kienu jillitigaw ta’ spiss, u l-konvenuta kienet telqet mid-dar fi tlett okkazzjonijiet differenti; izda wara l-argument li sehh fl-20 ta’ Gunju 2004 u li fih iz-zewg partijiet sofrew griehi hfief, l-attrici telqet mid-dar konjugali u marret tghix ghal rasha.

Illi l-inkwiet matrimonjali aggrava meta l-attrici ma setghetx tkompli tiehu hsieb omm il-konvenut bir-rizultat li dina kellha tidhol f’ dar tal-anzjani. Min-naha tieghu l-konvenut kien hadha bi kbira li martu ma setghetx tkompli tiehu hsieb ommu li kienet laqghathom fid-dar taghha u fejn il-partijiet kellhom id-dar konjugali.

Illum l-attrici ghandha 68 sena, filwaqt li l-konvenut ghandu 79 sena, u dan tal-ahhar mar jghix temporanjament go dar tal-anzjani.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tilmenta mill-fatt li mill-bidunett taz-zwieg kien deher car li l-konvenut kien dominanti u ried li jsir dak li “jikmanda” hu biss; kien jaqla’ hafna argumenti anke fuq affarijiet zghar, u okkazzjonalment kien isir aggressiv fuq l-affarijiet. Rizultat ta’ dan, l-attrici fl-ewwel snin taz-zwieg, allura tqila bl-ewwel tarbija, kienet telqet mid-dar konjugali u marret ghand il-genituri taghha; izda wara ftit hafritlu, u regghet lura.

Illi mid-dar matrimonjali kellha titlaq tlieta jew erba’ darbiet; u kull meta telqet kien mar ghaliha l-konvenut u marret lura ghax hafritlu; izda meta f’Gunju 2004 hija telqet definitavment mid-dar, il-konvenut ma setghax jaccetta dan il-fatt, u kien isegwiha kull fejn tmur, u anke kien imur wara biebha biex jipprova jirranga maghha. Tispjega: “Wasalt f’ pozizzjoni fejn lanqas daqsxejn nifs ma’ nista’ niehu minhabba fih, ghaliex dik id-daqsxejn ta’ tieqa li ghandi mal-bieb ta’ barra lanqas ma nista nhalliha mibexxqa minhabba fih.”[3]

[3] Aff. Vol.1 – fol.96

L-attrici tkompli tispjega li hi kienet telqet defenttivament mid-dar fis-sena 2004, wara li l-konvenut kien bil-pensjoni u “ma kienx ikollu x’ jaghmel u kien jibqa’ d-dar biex jikkontrollani.”

Tghid li flus ghal hajja ma kienx jaghtiha bizzejjed, bir-rizultat li ghal 28 sena kellha ddahhal l-istudenti barranin, biex setghet tghajjex il-familja.

Illi rigward omm-il konvenut, l-attrici tispjega li hi kienet damet tiehu hsiebha ghal tmien snin; imbaghad ommu spiccat f’koma u ghamlet f’qalbha ghax kienet inkontinenti; u peress li hi ma setghetx tkompli tiehu hsiebha, u hut il-konvenut ma rieduhiex, spiccat f’dar tal-anzjani. Il-fatt li l-attrici kienet tiehu hsieb omm il-konvenut jinsab konfermat minn oht il-konvenut, Lucy Catania.[4]

*Verzjoni Konvenut*

Il-konvenut jghid li meta zzewwgu u marru joqghodu fid-dar ta’ommu, l-attrici ma kellha l-ebda oggezzjoni; u ghalhekk kien hadha bi kbira meta fis-sena 1973, wara t-twelid tat-tielet wild taghhom, l-attrici kienet qaltlu li ma setghetx tkompli tiehu hsieb ommu, minhabba l-piz tal-familja.

Huwa jghid li l-attrici “dejjem riedet li tghaddi taghha”[5], u kienu ta’ spiss jillitikaw fuq affarijiet zghar. Jghid li: “il-mod li bih [l-attrici] kienet tibda tghajjat regolarment, kien haga li ma stajt nissaporti, imma minhabba l-fatt li jiena kont inhobbha kont accettajtha kif kienet.”[6]

Jilmenta mill-fatt li tul il-konvivenza matrimonjali l-attrici, tard filghaxija, kienet taghmel saghtejn fuq it-telefon tkellem lil ommha; u jispjega li “jien kont niddejjaq ghaliex dak kien il-hin li stajna nqattghu flimkien.” Jispejega li l-argument li nqala’ fl-20 ta’ Gunju 2004 kien proprju minhabba il-hin twil li l-attrici kienet tghaddi fuq it-telefown

[4] Dep. Vol.2 – fol.267
[5] Aff. Vol.2 – fol.117
[6] Ibid. fol.118

m'ommha. Meta ghal habta tas-1.30 am il-konvenut beda jaghmilha sinjal b'idejh dwar il-hin li kien ghaddej, il-partijiet gew fl-idejn, bir-rizultat li hu sofra griehi f'idu. Huwa jispjega li meta hi harget mid-dar, kien hemm it-tifel jistenniha sabiex jehodha l-poliklinika. Wara ftit, cemplu l-pulizija u anke t-tifel, sabiex il-konvenut ihalli lill-attrici terga' tidhol fid-dar, izda "jien ma ridtx ndahhal [lill-attrici] id-dar ghaliex bzajt li terga' tkun vjolenti lejja."[7] Izda, sussegwentement, huwa kien rega' riedha tmur lura, izda hija rrifjutat.

Jghid li, wara li l-attrici telqet mid-dar konjugali, "jiena ma stajt naccetta l-fatt li marti ma riditx taghtini r-ragunijiet ghalfejn telqet mid-dar u hassejt li kont nisthoqq spjegazzjoni."[8]

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Illi l-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-abbli perit legali fis-sens li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli, u dan primarjament tort tal-komportament abbuziv da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu. Dan il-komportament, konsistenti principalment fl-imgieba dominanti tal-konvenut li ried jikkontrolla lil martu f'dak li kienet taghmel, u l-insistenza tieghu li din taghmel dejjem dak li ried hu, liema fatt kien il-kawza ta' litigji kontinwi bejn il-partijiet, jikkostitwixxi sevizzi fit-termini tal-artikolu 40 stante li, ezercitat fuq bazi abitwali u ripetuti, irrenda nsapportabbli ghall-attrici l-konvivenza mal-konvenut; u kien il-kawza principali tat-tifrik taz-zwieg, li wassal lill-attrici sabiex titlaq mid-dar konjugali ghal ma felhixtx aktar tghix mal-konvenut.

In propozitu hija relevanti hafna x-xhieda tal-konsulent psikjatra Dottor Joseph Vella Baldacchino fejn jghid: "meta dawn kienu jigu flimkien [ghandu] il-konvenut kien bhal ikun irid jitkellem hu, ezempju jinterrompi lill-mara anke billi jgholli l-vuci biex jinterrompiha u jsostni l-punt tieghu; u kemm-il darba hareg li r-ragel ghandu jkun il-

[7] Ibid. Fol.118
[8] Ibid. Fol.119

*macho*, l-kmand tad-dar u l-mara mizzewwga trid tobdi d-desiderju tar-ragel.

Meta jigu hemm, is-sitwazzjoni tiddigenera. il-mara kienet turi li qed tiehu ghaliha u li ma taqbilx mieghu, wiccu jsir vampa nar u jinholoq *blockage*.”[9]

Min-naha taghha, l-attrici tahti xi ftit in kwantu ma tantx ikkoperat tevita kwistjonijiet fiz-zwieg u dejjem baqghet rigida fil-pozizzjoni taghha, partikolarment dwar it-tul tat-telefonati li kienet taghmel lil ommha. Dan ukoll hareg mix-xhieda tal-imsemmi psikjatra.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment principalment tort tal-konvenut, u sekondarjament u fi grad ferm anqas tort tal-attrici;  u li l-htija tal-konvenut ghandha tattira fil-konfront tieghu l-applikazzjoni fl-intier tieghu tad-dispost tal-artikolu 48 tal-istess Kap.16.

**Manteniment**

Illi f’ dan ir-rigward il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni raggjunta mill-perit legali, u cioe’ li l-attrici ghandha tircevi bhala manteniment nofs il-pensjoni tal-konvenut, nieqes il-pensjoni taghha sabiex b’ hekk iz-zewg partijiet jiehu ndaqs.  Il-Qorti taqbel ukoll mal-osservazzjoni tal-perit legali li hawn si tratta ta’ tnejn min-nies li huma kbar fl-eta’, u t-tnejn ghandhom problemi ta’ sahha.  Mill-atti jirrizulta li l-partijiet ghexu flimkien ghal 40 sena li matulhom l-attrici, mhux biss hadet hsieb omm il-konvenut, izda wkoll kienet ghal zmien twil ospitat studenti barranin fid-dar sabiex tawmenta l-introjtu tal-partijiet, u dan, minbarra li hadet hsieb it-trobbija ta’ tlett t’itfal; u ghahekk huwa xieraq li z-zewg partijiet jiehu pensjoni wgwali.

Ghalhekk il-Qorti tordna li l-attrici tircevi minghand il-konvenut parti minn sehemu tal-pensjoni kif gja spjegat.

*Rifuzjoni*

---

[9] Dep. Vol.2 – fol.349 tergo

Illi l-konvenut ressaq pretensjoni fis-sens li l-attrici ghandha tirrifondi lilu l-ammont zejjed li hu kien hallas lil martu bhala manteniment *pendente lite*, u li, nonostante l-oppozizzjoni tieghu, dina kienet baqghet tircevi.

Il-fatti essenzjali fir-rigward huma hekk:
[1] Fil-25 ta' Jannar 2005 l-attrici ghamlet rikors fil-kawza[10] fejn talbet retta alimentarja ta' LM150 [illum €350] fix-xahar;
[2] Fl-4 ta' Frar 2005 inghata digriet[11] fl-atti tal-medjazzjoni li permezz tieghu l-konvenut kien gie ordnat ihallas lill-attrici retta alimentarja ta' LM100 [illum €233] fix-xahar;
[3] Fis-7 ta' Frar 2005 il-konvenut prezenta rikors[12] fil-kawza fejn talab biex il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-rikors tal-25 ta' Jannar 2005 in vista tad-digriet moghti fl-4 ta' Frar 2005 [fil-medjazzjoni];
[4] Fl-20 ta' Mejju 2005 il-konvenut prezenta rikors fil-kawza ghar-revoka tad-digriet moghti fl-4 ta' Frar 2005 [fil-medjazzjoni];

Inghataw is-segwenti digrieti:
[a] Fit-23 ta' Frar 2005 il-Qorti ddegretat ir-rikors tal-25 ta' Jannar 2005 u ordnat il-konvenut ihallas retta alimentarja ta' LM15 [illum €35] fil-gimgha;
[b] Fit-2 ta' Marzu 2005, u ghalhekk sussegwenti ghad-digriet precitat, il-Qorti ddegretat ir-rikors tas-7 ta' Frar 2005, fejn [b'dizvista] astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-rikors tal-25 ta' Jannar 2005 – li pero' kien diga' degretat. Ghalhekk dan id-digriet fil-verita' ma kellu ebda effett, fuq id-digriet gja' moghti.[13]
[c] Fit-8 ta' Gunju 2005 il-Qorti ddegretat ir-rikors tal-20 ta' Mejju 2005 fejn cahdet it-talba ghar-revoka tad-digriet tal-4 ta'Frar 2005.

Il-Qorti tosserva li: l-fatt li fit-23 ta' Mejju 2005 din il-Qorti, diversament presjeduta, kienet cahdet it-talba tal-konvenut ghar-revoka tad-digriet tal-4 ta' Frar 2005; kif

[10] Vol.1 – fol.13
[11] Ibid. fol.23
[12] Ibid. fol.22
[13] A skans ta' ekwivoku jigi carat li meta l-Qoti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' rikors, and id-digriet ma jistqies bhala wiehed fil-meritu, u ghalhekk m' ghandux jaffettwa digriet fil-meritu li jkun inghata precedentement.

ukoll, il-fatt li l-istess Qorti fit-2 ta' Marzu 2005 kienet astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-rikors tal-25 ta' Jannar 2005 meta dan kien diga' deqretat fit-23 ta' Far 2005, ma jinnewtralizzax l-effetti ta' dan id-digriet, liema digriet kien u baqa' in vigore sa l-ahhar tal-proceduri, u cioe' li mplicitament irrevoka d-digriet precedenti tal- 4 ta' Frar 2005; ghax kif sostniet din il-Qorti fl-udjenza tat-3 ta' Mejju 2011[14] "f' kaz ta' zewg digrieti konfliggenti ghandu dejjem jipprevali l-ahhar digriet."

Ghaldaqstant mill-23 ta' Frar 2005 'il quddiem l-attrici kellha tircevi manteniment bir-rata settimanali ta' €34.94 fil-gimgha u mhux bir-rata ta' €233 fix-xahar; u kull ammont superjuri li thallas lill-attrici ghandu jigi rifuz lill-konvenut. Ghalhekk il-Qorti tordna r-rifuzjoni da parti tal-attrici tal-eccess imhallas lilha; u tordna wkoll li dan l-eccess ghandu jitnaqqas minn sehem l-attrici mir-rikavat tal-bejgh.

Konformament, il-Qorti tichad it-talba kontenuta fir-rikors tal-attrici tal-25 ta' Mejju 2011.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi l-komunjoni tikkonsisti fis-segwenti assi li ser jigu assenjati kif hawn taht indikat:

[1] Il-fond matrimonjali numru 67 Cathedral Street, Sliema valutat fl-ammont ta' LM110,000 [illum €256,300]. Il-Qorti tordna li dan il-fond jinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien sitt [6] xhur ghall-prezz mhux inferjuri ghall-imsemmi ammont, bid-dritt ta' preferenza lill-partijiet fil-kaz li xi hadd minnhom jrid jakkwistah hu bil-prezz offrut; fin-nuqqas, il-fond jinbiegh taht l-awtorita' tal-Qorti, u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Mis-sehem taghha l-attrici ghandha tirrifondi l-eccess ta' manteniment imhallas lilha.

[2] Il-vettura Polo DBF-227 tinbiegh bl-istess mod stabbilit fil-paragrafu precedenti, u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

---

[14] Vol.3 – fol.655

[3] Il-mobbli u ghamara fid-dar – Dawn jinsabu deskritti u stmati fir-rapport tal-perit stimatur, u senjatament fid-Dok.VEC-1 li kopja tieghu qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern [Appendici A][15]. Il-Qorti taddotta l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fil-paragafu 29[d] pagna 13 tar-relazzjoni peritali. Kopja tad- Dok.A[16], indikanti l-proprjeta' parafernali tal-attrici, qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex jifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici B].

In propozitu l-Qorti tordna li, salv ghall-proprjeta' parafernali ndikata mill-attrici bhala taghha, il-kumplament tal-oggetti ndikati fid-Dok.VEC-1 jigu maqsuma mill-partijiet bonarjament fi kwoti wgwali; u fin-nuqqas, jinbieghu taht l-awtorita' tal-Qorti.

[4] Il-*gratuity* mill-Go plc – dwar din hemm ftehim[17] li l-attrici tiehu s-somma ta' €17,367.94 ghas-saldu ta' din il-*gratuity*, filwaqt li l-konvenut izomm il-kumplament u t-taxxa u spejjez ghalih. Kopja ta' dan il-ftehim qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici C]. Il-Qorti tordna li l-kwistjoni bejn il-partijiet dwar il-materja tal-qsim tal-*gratuity* tigi regolata skond dan il-ftehim.

[5] Investimenti, inkluzi id-Dolmen Property Secured Bonds [2010-2013], u depoziti bankarji ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

Illi rigward il-pretensjoni attrici li din tigi rifuza l-hlas tal-kera li hallset wara li telqet mid-dar konjugali, il-Qorti tosserva li din l-pretensjoni hi nsostenibbli ghal zewg ragunijiet: [1] il-flus mhallsa mill-attrici mill-introjtu taghha jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti; u [2] l-attrici kellha r-rimedju specifiku taht l-artikolu 46 tal-Kap.16 biex titlob li tigi awtorizzata tghix *pendente lite* fid-dar konjugali ad eskluzjoni ta' zewgha; izda din m'usufruwitx minn dan ir-rimedju.

---

15 Vol.3 – fols.694 - 695
16 Vol.1 – fol.204
17 Vol.2- fols.224 - 226

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, principalment tort tal-konvenut, u sekondarjament, u fi grad ferm anqas, tort tal-attrici;

[2] tilqa’ t-tieni talba fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’;

[3] tilqa’ t-tielet talba u tapplika fl-intier tieghu id-dispost tal-artikolu 48 Kap.16 fil-konfront tal-konvenut;

[4] tilqa’ ir-raba u l-hames talba, fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni tal-Akkwisti’;

[5] tichad is-sitt talba;

Spejjez ikunu a kariku taz-zewg partijiet konguntivament, in kwantu ghal tlett kwarti [3/4] mill-konvenut, u r-rimanenti kwart [1/4] jibqa’ a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------